Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 29 – Kontinwazzjoni**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta online nhar il-Ħamis 3 ta' Ġunju 2021 fl-16.00.

Din il-laqgħa kellha ssir online minħabba l-Covid 19, u peress li wħud mill- Membri tal-Kunsill huma anzjani u/jew oħrajn jgħixu ma' persuni vulnerabbli u qegħdin fi kwarantina volontarja u/jew mandatorja.

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Maryanne Abela | - | Viċi Sindku |
| Matthew Bonello | - | Kunsillier |
| Alex Chetucuti | - | Kunsillier |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Paul Fenech | - | Kunsillier - 18.15 |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |

Ufficjal Preżenti: Vince Tanti - Segretarju Eżekuttiv

Clarissa Buhagiar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is- Sindku qal it-talba.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

**29.1 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri**

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

29.1.01 Il-Kunsillier A. Chetcuti staqsa jekk kienx hemm żvillupi rigward l-ilqugħ ta' canvas sabiexx jipprovdu kenn lil dawk li jżuru playing fields speċjalment dik ta' fejn Ċentru Ċiviku. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jakkwista xi kwotazzjonijiet.

29.1.02 Il-Kunsillier A. Chetcuti staqsa jekk hux pjanat li jsiru tiswijiet ta' pavimentar fi Triq l-Uqija. Is-Sindku nforma li diġa' kellem lill-Perit u s-Segretarju Eżekuttiv se jiltaqa' mal-Perit dwar din il-materja.

29.1.03 Il-Kunsillier A. Chetcuti informa li waqt l-aħħar laqgħa li huwa u s-Sindku kellu mas-Sur Ramon Deguara kien ippropona li tiġi maħsula d-dawra tal-ġonna minħabba l-pipi tal-klieb. Huwa staqsa wkoll jekk dog-bins li hawn installati jiġux maħsula. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill diġa' għandu ftehim ma' kuntrattur sabiex dawn jinħaslu regolarmenti.

29.1.04 Huwa talab sabiex issir laqgħa mal-GreenPAK dwar il-kwistjoni tal-ġbir tal-ħġieġ peress teżisti d-dilemma jekk dan għandux jinħareġ fil-kontenitur tal-plastik jew ġo kaxxa tal-kartun. Is- Sindku saħaq li għal kuntrattur tagħna din ma tagħmilx differenza u li jekk kull blokka se toħroġ il-ħġieġ fil-kontenitur tal-plastik, l-ebda bankina mhi ħa tibqa' aċċessibli minħabba li l-ispazju huwa limitat ħafna.

29.1.05 Il-Kunsillier A. Chetcuti rrefera jekk hux se jsir patching fi Triq il- Qasam speċjalment fiż-żona ta' fejn zabra crossing ta' ħdejn il-PN Club. Is- Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku nfurmaw li dawn ix-xogħlijiet huma skedati li jsiru dal-waqt mill-kuntrattur V&C.

29.1.06 Huwa staqsa jekk kienx hemm xi żvillupi rigward installazzjoni ta' dawl ġdid fi Triq il-Pekursur, Madliena. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li għalissa m'hemm l-ebda żvillupi ġodda.

29.1.07 Huwa staqsa jekk saritx il-kaxxa ta' parkeġġ għal muturi fi Triq is-Sidra hekk kif kien ġa miftiehem. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li se jiċċejka jekk hux komplut ix-xogħol ta' asfaltar l-ewwel.

Mill-Kunsillier A. Pisani

29.1.8 Il-Kunsillier A. Pisani staqsiet dwar jekk hemmx xi pjanijiet li jiġi organizzat Swieqi Fest għal din is-sena. Is- Sindku nforma li huwa diġa' avviċina lill-helpers tas-soltu dwar din l-attivita' pero' sfortunatament għadu kmieni wisq biex jieħu deċiżjoni finali dwar din il-materja. Il-Kunsillier A. Chetcuti ssuġerixxa li jekk kemm-il darba tkun permessa li ssir, din għandha ssir fuq skala iżgħar imqassma fuq ġurnata waħda biss sabiex jiġi evitat li jinġemgħu u jitħalltu ammont ta' nies.

Mill-Kunsillier E. Rossignaud

29.1.9 Il-Kunsillier E. Rossignaud irrefera li hemm bżonn li jiġi kkonsidrat li jsir ippjanar sew ta' l-immaniġġar tat-traffiku minn Triq is- Swieqi sa Triq il-Qasam. Dan sabiex it-traffiku li ta' kuljum qed jiżdied jkun imqassam b'mod aħjar. Is- Sindku nforma li huwa jaqbel ma' dan u ndika li anke Triq tal-Franċiż u Triq l-Istasija għandhom jiġu kkunsidrati.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

**29.1 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri- ikomplu**

Mill-Kunsillier E. Rossignad – ikompli

29.1.10 Huwa rrefera jekk sarx progress dwar il-pajnti li ġew mfasslin mill-Perit Dieter Falzon għat-tibdil ta' l-uffiċini tal-Kunsill. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li ma kien hemm l-ebda qbil mill-Kunsilliera u għalhekk dan il-proġett għalissa għadu ma bediex jiġi attwat. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li għandhom jintbagħtu l-pjanti proposti lil kull Kunsillier u jintlaħaq ftehim sabiex nkunu nistgħu nipproċedu.

29.1.11 Rigward l-installazjoni ta' CCTV Cameras fi Triq Passiflora, huwa informa li sa llum dawn għadhom ma ġewx installati. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li dan id-dewmien huwa dovut għal fatt li supplier tar-Reġjun għadu ma rċeviex dawn il-cameras u għalhekk ma jistax jinstallahom. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li minn naħa tal-Kunsill, ix-xogħol rikjest sar u anke ġew sottometti l-applikazzjoni tal-provista ta' dawl lill-ARMS.

29.1.12 Il-Kunsillier E. Rossignaud faħħar il-proġett tal-fencing ta' Ġnien FX Ebejer u qal li dan ix-xogħol vera sebbaħ l-estetika tal-ġnien. Huwa staqsa jekk hux possibli li tiġi nstallata entratura oħra fuq in-naħa ta' wara. Is- Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmaw li din hija pjanata li ssir fil-futur qarib.

29.1.13 Huwa ssuġerixxa li tiġi ppreparata by-law dwar il-konsum ta' xorb alkoħoliku f' postijiet pubbliċi kif ukoll rigward il-proċedura ta' kif u meta għandu jitella' u jitneħħa boundary wall ta' xi sit ta' żvillup. Wara diskuzzjoni intiża, kien hemm qbil unanimu dwar dawn. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jiċċekjaw dwar il-proċedura sħiħa li jirrikjedu dawn iż-żewġ by-laws.

Mill-Kunsillier T. Valentino

29.1.14 Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk hux possibli li l-kerbside truck ta' Wasteserv jkun ukoll fil-viċinanza ta' Torre Paulina. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li dan jieħu ħafna spazju u għalhekk fil-preżent jkun quddiem il-kappella fil-Madliena sabiex ma jikkawża l-ebda konġezzjoni ta' traffiku u r-residenti jkollhom spazju biżżejjed sabiex jieqfu b'mod sigur u jarmu l-iskart tagħhom.

29.1.15 Hija rreferiet għall-korrispondenza li ntbagħtet dwar il-vending machines li jirriiċiklaw il-plastik. Hi nfurmat li fil-waqt li taqbel u tikkonġarġixxi l-użu aħjar tal-pastik u rriċiklaġġ; ma tistax taqbel li dawn il-vending machines jiġu nstallati fil-lokalita'; peress li tħoss li din il-miżura tista' twassal sabiex dak li jkun jagħmel iktar użu mill-plastik. Il-Kunsillier A. Pisani wkoll taqbel ma' dan il-punt. .Is- Sindku nforma li fil-waqt li huwa jifhem dant il-punt pero' billi wieħed ma jinstallax dawn il-vending machines ma jfissirx li se jitnaqqas l-użu tal-plastik. Wara diskuzzjoni fit-tul, is- Segretarju Eżekuttiv talab sabiex jittieħed vot dwar din il-materja. Kien hemm sebgħa (7) favur li dawn jiġu nstallati u tnejn (2) kontra.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

**29.1 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri- ikomplu**

Mill-Kunsillier R. Scicluna

29.1.16 Il-Kunsillier irreferiet għall-komptezzjoni ta' tisbieħ bil-fjuri/pjanti tal-faċċatti ta' djar. Hija infurmat li l-vouchers li se jintrebħu għal din il-komptezzjoni diġa' ġew akkwistati u li hemm bżonn li jiġu ppreparati set ta' regoli li wieħed għandu jsewgi sabiex jkun jista' jipparteċipa. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li peress li żmien tas-sajf laħaq daħal ġmielu, din il-komptezzjoni tiġi estiza għax-xhur tal-ħarifa minħabba li bħalissa ma jidhirx li huwa żmien ideali għat-tkabbir tal-pjanti/fjuri. Hija kkonfermat li l-vouchers jiskadu f'April tas-sena 2022. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa min se jkun qed jgħin lil Kunsillier R. Scicluna fl-organizzazjoni ta' din il-kompetizzjoni. Il-Kunsillier E. Rossignaud ġentilment offra li jgħin.

Mill-Viċi Sindku

29.1.17 Il-Viċi Sindku nfurmat li r-Reġjun qiegħed fl-aħħar fażi sabiex jkun jista' jipprovda defibrillator lil kull Kunsill. Hija saħqet dwar l-impotanza li kull wieħed u waħda minna jkun jaf jagħmel użu minn dan l-apparat peress li dan jista' faċilment isalva l-ħajja ta' persuna. Hija ssuġerit li dan għandu jitwaħħal f'post prominenti fil-ġnien ta' fejn l-uffiċini tal-Kunsill sabiex wieħed f'każ ta' bżonn faċilment jkun jista' jagħmel użu minnu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

29.1.18 Hija staqsiet jekk tistax' ssir laqgħa mas-Surġent tal-Community Police sabiex tiġi kkunsidrata l-għażla li dawn l-uffiċċjali tal-Pulizija jibdew jagħmlu użu mill-ispeed guns. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li din il-materja se tgħaddi għall-attenzjoni tas- Surġent.

29.1.19 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi żvillupi dwar meta se tiġi ffinalizzati Triq it-Tiben. Is- Sindku nforma li huw afuq bażi regolari jibgħat diversi emails lill-Perit ikkonċernat pero' sfortunatament għalissa m'hemmx data konklusiva peress li mid-dehra kien hemm xi ħsarat relatati mad-drenaġġ tar-residenti u qed issiru xi testijiet.

29.1.20 Hija staqiet jekk hux possibli li jsir sinjal isfar ħdejn l-ambaxxata tal-Qatar. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li se jiċċekja dwar dan.

29.1.21 Il-Viċi Sindku nfurmat li hija attendiet għal konsultazzjoni onlajn dwar l-inċenatur tal-Magħtab u waqt din il-laqgħa ġie ppreżentat rapport idettaljat tekniku li ġie ppreparat mill-Kunsillier E. Rossignaud. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti. Is- Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni ta' dawk preżenti li skond ma kien indikat fis-*slides* tal-preżentazzjoni, il-mercury pollution dehret estiża anke sa Swieqi; fil-fatt min kien qed jagħmel il-preżentazzjoni neħħa mal-ewwel din l-islide partikolari.

**29.2 Approvazzjoni ta' pagamenti u xiri ieħor**

29.2.1 L-iskeda tal-pagamenti nru.22 ġiet ippreżenta. Wara diskuzzjoni din l-iskeda ġiet approvata hekk kif emendata. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

**29.3 Kommunikazzjoni mis- Segretarju Eżekuttiv**

29.3.1 Huwa rrefera għal-laqgħa li saret mal-kuntrattur tal-knis li għaliha kien hemm preżenti wkoll is-Sindku u l-Kunsillier A. Chetcuti. Waqt din il-laqgħa kien ġie deċiż li jiġu installati *tracking devices* mal-kenniesa sabiex f'każ ta' xi kjarifika, wieħed jkun jista' faċilment jiċċejka r-ronda li tkun saret. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa rnexxillu jakkwista żewġ kwotazzjonijiet għal dawn it-*tracking devices*. Wara diskuzzjoni, ġie deċiz li l-Kunsill jagħżel l-irħas waħda.

29.3.2 B' referenza għall-lift tal-persuni b'diżabilta', is- Segretarju Eżekuttiv informa li sabiex jsir it-tibdil rikjest mill-Kunsill, se tintnefaq spiża kbira u li kif diġa' ġibed l-attenzjoni huwa ma jħossx li din l-ispiża hija waħda ġġustifikata peress li l-livell ta' fejn jinsabu l-uffiċini tal-Kunsill huwa diġa' aċċessibli permezz ta' rampa komda għal dawk li ma jistgħux jużaw it-taraġ. Huwa nforma li għal dan ix-xogħol se jkollu jinħareġ tender. Il-Kunsillier A. Chetcuti ssuġerixxa sabiex issir kuntatt mal –Onor. Julia Farrugia dwar din il-materja forsi l-Kunsill jkun jista' jibbenefika minn xi fondi.

29.3.3 Is- Segretarju Eżekuttiv tkellem fuq it-tender tal- V&C li ser jiskadi fl-aħħar ta' Ġunju u li hemm problema fuq ix-xogħol ta' Ġnien Esprit Barthet li qed issa wasal biex jibda. Il-kuntrattur qed jgħid li ma jistax jaħdem bil-prezzijiet tat-tender għas-servizzi għolew. Kien hemm qbil li jekk jogħlew minn naħa tal-Gvern; dan jista' jiġi kkompensat imma li tgħolli l-prezzijiet ġenerali ma jistax. Qegħdin f'sitwazzjoni fejn il-kuntrattur jista' joqgħod jittrateni sa' l-aħħar tax-xahar u jkollna noħorġu tender ieħor u nerġgħu ntawwlu l-proċess tax-xogħol. Is- Segretarju qal li sejjaħ laqgħa mal-kuntrattur u mal-Perit biex jippruvaw jsibu soluzzjoni.

29.3.4 Is- Segretarju Eżekuttiv tkellem fuq diversi applikazzjonijiet li qed isiru ma' Transport Malta għar-reserved/ disabled parking bay fil-lokalita', u qed tiġi mitluba l-opinjoni tal-Kunsill. Hu qal li fejn ikun każ ġenwin qed jagħti l-approvazzjoni wara li jkun kellem lis-Sindku u bl-istess mod fejn ma jarax li hu ġenwin jibgħat l-oġezzjoni.

Din is-seduta spiċċat fis-19.15 u s-seduta li jmiss hija skedata għas- 6 ta' Lulju 2021 fil-5pm. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

**Swieqi Local Council letterhead**

25th May 2021

Representations Office,

Planning Authority,

St. Francis Ravelin,

Floriana

Dear Sir/Madam,

Further to the Letter of Objection which the Swieqi Local Council had submitted to the Planning Authority in connection with the Outline Application for the construction of a Waste to Energy Plant at Maghtab (PA 03012/20), we have received further technical advice from our expert in the field, and we wish to add the following concerns to our earlier submission.

To facilitate matters, we are hereby reproducing the main points of our representation.

| | |
|---|---|
| 1 | ***We endorse the opinion of the ERA that such an application qualifies for an EIA, and this application should not be considered further until such time as this Assessment is available.*** |
| 2 | ***We are also of the opinion that the nature of the intended plant, close to residential zones, requires the presentation of a Social Impact Assessment, BEFORE the application is considered further.*** |
| 3 | ***Though the location of the proposed plant is in the limits of Naxxar, we are greatly concerned that not sufficient measures have been taken to ensure that the plant, in particular the proposed Incinerator, does not generate noxious fumes and smells. Studies have shown that such emissions would contain very fine particulates which, due to prevailing North West winds, would seriously effect the health and quality of life to our residents, particularly those residing in Madliena and High Ridge.*** |

| | |
|---|---|
| 4 | ***We are also concerned with the possibility of a huge increase in heavy traffic coming from the South and East of the country, which will be using the Regional Road and the already congested Triq Sant'Andrija.*** |

Having considered our expert's report, this gives us much more concern based on the following:

a That the designed capacity of the proposed incinerator is too large for projected waste generated in the foreseeable future which, besides the additional cost of plant and recurrent maintenance costs, could encourage WasteServ to lose sight of the European Directives as to recycling/reuse, to be able to sustain the incinerator.

b That the projected waste generated as in WS documents are inconsistent, particularly the projected percentage for recycling, which is far less than can be achieved with proper management of the whole collection method for both domestic and commercial waste.

C There is no justification for placing the Incinerators co close to residential and touristic areas, when the Marsa facility, which is in an industrial zone, could be upgraded / replaced as necessary.

D Though there is hardly any reference to fire hazards of this plant and, having seen the incidents at the Sant'Antnin Plant shrugged away as lack of due to negligence, we are very concerned about the disastrous effect such accidents would have on the nearby residential areas of Gharghur, Swieqi and Naxxar.

E We are still not convinced that the plant would not, at some stage emit noxious fumes which besides being unsightly and damaging to property, would pose a great hazard to residents within ten kilometres.

We are aware that the Regjun Tramuntana, of which the Swieqi

The Secretary,
Representations,
Planning Authority,
St Francis Ravelin,
Floriana

11th June 2020

Dear Sir/Madam

**Re PA 03012/20:**

**Proposal: The Outline Application for the construction of a Waste to Energy Plant at Maghtab**

**Location: Maghtab Fill Complex, Il-Maghtab, l/o Naxxar**

## REPRESENTATION

The Swieqi Local Council objects to the above application for the following reasons:

1. We endorse the opinion of the ERA that such an application qualifies for an EIA, and this application should not be considered further until such time as this Assessment is available.
2. We are also of the opinion that the nature of the intended plant, close to residential zones, requires the presentation of a Social Impact Assessment, BEFORE the application is considered further.
3. Though the location of the proposed plant is in the limits of Naxxar, we are greatly concerned that not sufficient measures have been taken to ensure that the plant, in particular the proposed Incinerator, does not generate noxious fumes and smells. Studies have shown that such emissions would contain very fine particulates which, due to prevailing North West winds, would seriously effect the health and quality of life to our residents, particularly those residing in Madliena and High Ridge.
4. We are also concerned with the possibility of a huge increase in heavy traffic coming from the South and East of the country, which will be using the Regional Road and the already congested Triq Sant'Andrija.

In the light of the above, the Swieqi Local Council hereby requests to be acknowledged as a registered objector. We reserve the right to raise further points of objection during the proceedings of this application.

Noel Muscat - Mayor

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD, L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

# Skema-2021-2022 biex isir ingaġġ ta'Uffiċċjal tal-Komunita "Steward"Għat-Trattament Xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex

## 1. Introduzzjoni:

**Il-MINISTRU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD, L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI Dr.Anton Refalo LLD.M.P,bi ftehim konjunt mal-MINISTRU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI, Dr.Jose' Herrera LLD.M.P,qed jintroduċu skema ġdida li jisimha "Uffiċċjal tal-Komunita "Steward" Għat-Trattament Xieraq tal-Annimali" għall-benefiċċju tal-Kunsilli Lokali f'Malta u f'Għawdex u minn japplika l-ewwel jiġi moqdi l-ewwel.**

**2.0** Din l-inizzjattiva mil-Gvern se tkompli ittejjeb it-Trattament Xieraq tal-Annimali li jinsabu jgħixu fit-toroq (Stray) u dawk l-annimali domestiċi,billi se jkun qed jiffinanzja għaxar Uffiċċjali tal-Komunita "Stewards"Għat-Trattament Xieraq tal-Annimali f'Malta u f' Għawdex.

## 3.0 Għan

It-Trattament Xieraq tal-Annimali f'dawn l-aħħar għaxar snin għamel progress kbir f'Malta u f'Għawdex. Dan il-progress qatt iktar ma jista jieqaf kemm f'pajjiżna kif ukoll fl-Unjoni Ewropeja. Il-Ministri fil-pajjiżi imsieħba fl-Unjoni Ewropeja minn żmien għall-żmien jieħdu sehem f'diskusjonijiet fuq dan is-suġġett tant importanti biex itejbu Liġijiet u Regolamenti f'dan ir-rigward. Il-liġijiet li jsiru kemm mill-Gvern Malti kif ukoll dawk ir-Regolamenti jew Direttivi li jiddaħħlu mal-liġijiet oħra tal-Pajjiż irid ikun hemm Uffiċjali biex jinfurzawhom.

Għal dan il-għan il-MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI,L-ARTI U GVERN LOKALI flimkien mal- MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA,SAJD,IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI qegħdin ivaraw l-finanzjament għal **Skema ġdida biex isir ingaġġ ta'Uffiċċjal tal-Komunita "Steward"Għat-Trattament Xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex bil għan ewlieni li jeduka lin-nies f'dan ir-rigward.**

## 4.0 Objettivi

Fil-Liġi Kapitolu 439 ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI f'Artiklu 3 (2) jgħid li l-istat jirrikonoxxi li l-annimali huma ħlejjaq senzjenti u li għandu d-dmir li jippromwovi l-ħarsien tal-annimali,u li l-ħarsien tal-annimali għandu jiġi protett bl-intervent tal-Istat,bl-organi Leġislattivi,ġudizzjarji u amministrattivi tiegħu.

l-ingaġġ ta'Uffiċċjal tal-Komunita "Steward"Għat-Trattament Xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex flimkien mal-Kunsillier li huwa responsabbli mit-Trattament Xieraq tal-Annimali għandu jkompli jtejjeb ix-xogħol fil-lokalita f'dan ir-rigward.

**5.0 Eliġibilita'**

Il-Kunsilli Lokali f'Malta u Għawdex li jixtiequ jibbenifikaw minn din l-iskema ġdida " **Community Animal Welfare Stewardship Scheme-2021-2022** "u li huma nteressati li jkollhom "Steward" għandu japplika permezz t'applikazzjoni mehmuża ma din iċ-Ċirkulari ( Appendiċi 1)

(1) **Il-Community Animal Welfare Steward** għall-dak perjodu tat-18 il-xahar se jkun impjegat full time jew part time mill-Kunsill jew ġemgħa ta'Kunsilli flimkien u jkunu jistgħu jirranġaw bejniethom b'forma ta' skeda ta'ġranet,ġimgħat jew xhur fejn l-Isteward ikun imissu jaħdem.

(2) Il-Kunsill għandu jżomm dawk in-notamenti kollha,tal-attendenza għall-dik il-lokalita, u fejn ikun hemm perjodi ta' Mard tal-Isteward dan irid jipprovdi c-Ċertifikat tal-Mard.Għandu wkoll jinżamm irreġistrat is-siegħat (192 siegħa) tal-Leave li jittieħed mill-Isteward.

(3) Il- Kunsill għandu jirreġistra dik l- informazzjoni kollha tax-xogħol li l-Isteward ikun għamel fil-lokalita tiegħu biex meta tiġi mitluba mill-Ministeri li qed iħallsu bejniethom għall-din l-iskema jew xorta oħra din tingħata.

**6.0 Kriterji ta'Evalwazzjoni**

Il-Kriterji tal-evalwazzjoni għanda tkun fuq bażi li dak il-kunsill jew kunsilli li japplikaw l-ewwel jingħataw prijorita, filwaqt li l-applikazzjoni jekk tinstab li tkun konformi, għandu jingħata Uffiċjal **Wieħed Biss** fil-komunita tiegħu jew ma kunsilli oħra.l-Isteward jintbagħat għall-perjodu ta, 18 il xahar biex il-Kunsill /kunsilli jħaddmuh fuq xogħol relatat mat-Trattament Xieraq Tal-annimali.

(1) L-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għandha ssir minn Bord b' Membru tal- **MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD, L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI** u minn **Membru tal- MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI filwaqt li jinħatar Chairperson mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru Għall-Agrikoltura,is-Sajd,l-Ikel u Drittijiet tal-Annimali.**

**7.0 Linji Gwida**

l-Uffiċċjal tal-Komunita"Steward"Għat-Trattament Xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex għandu jagħmel biss dak ix-xogħol relatat mat-Trattament

Xieraq tal-Annimali kif ġie deskritt fl-Iskema, **Community Animal Welfare Stewardship Scheme-2021-2022.** U kif deskritt f'Paragrafu 8 ta' din iċ-Ċirkulari.

**8.0 Ix-xogħol tal-Uffiċċjal tal-Komunita "Steward"Għat-Trattament Xieraq tal- Annimali**

6.1 Jaħdem flimkien mal-Kunsillier responsabbli għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

6.2 iżomm reġistru fil-Kunsill b'annimali li jintilfu jew jinstabu.

6.3 Jiċċekkja l-microchip tal-annimal li jinstab u jiċċekkja n-numru tiegħu mad-Data Base tad-Dipartiment tal-Veterinarji.

6.4 Jikkuntattja lid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali filkas li dak l-annimal Ikollu bżonn xi kura veterinarja jew ikun ħarab minn xi post li setgħa kien ġie abbużat.

6.5 Jikkuntatja lill-sid l-annimal biex jiġi jieħu l-annimal sakemm dan ikun jidher b'saħħtu.

6.6 Għandu jeduka lin-nies tal-komunita f'dan ir-rigward.

6.7 Jagħmel ir-ronda biex fejn ikun hemm il-bżonn iħeġġeġ lill-Pubbliku inaddaf wara li l-Kelb iħammeġ.

6.8 Jagħmel ir-ronda biex jiċċekja li l-kelb għandu l-microchip u jirrapporta dan in-nuqqas Lid-Direttorati AHWD / VRD

6.9 Jagħmel ir-ronda mal-lokalita u fejn jinstabu klieb b'widnejhom modifikati jiġbdilhom l-attenzjoni bil-prudenza.

6.10 għandu jżur irziezet fil-lokalita u jħeġġeġ lis-sid isewwi l-klieb u l-qtates li jkollu.

6.11 Jagħmel ir-ronda biex jiżgura li klieb fil-komunita ma jinżammux marbutin fil- galleriji Jew bjut, u jara li fejn ikun qed jiġi miżmum annimal ikollu post addattat skont il-liġi.

6.12 Jagħmel spezzjoni minn qabel fuq xi rapport ta' moħqrija fuq annimali biex jara jekk Ikunx hemm il-bzonn li jiġi msejjaħ xi grupp kbir ta' Uffiċjali għat-Trattament Xieraq Tal-Annimali.

6.13 Iżomm reġistru ta' persuni li qed jitimgħu qtates fil-Lokalita flimkien mal-kunsill Lokali u jgħin lill-dawn il-persuni jaqbdu l-qtates biex jittieħdu għal xi kura Veterinarja.

6.14 Fejn jinstab annimal mejjet jiċċekkja jekk għandux microchip u jekk dan ikollu Jinforma lill-AHWD, lill-sidu jew lill-minn qed jitmaħhom (Feeders) filwaqt li jċempel Lid- Dipartiment tal-Indafa Pubblika biex jiġu jiġbruh.

**9.0** l-Applikazzjoni trid tkun iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv kif indikat fl-

istess applikazzjoni.Kull paġna u dokument fl-applikazzjoni jrid ukoll jiġi inizjalat;

**Applikazzjonijiet mhux kompluti skont kif ġie ndikat hawn fuq, jiġu eliminati.**

## Proċedura tal-Applikazzjoni

L-applikazzjonijiet jintbagħtu biss fuq il-formola stabbilita,mehmuża ma'din iċ-Ċirkulari (Appendiċi I) u kif imsemmi aktar il-fuq,iridu jkunu ffirmati u inizzjalati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv wara li jkunu tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill;

L-applikazzjonijiet u d-dokumenti relevanti għandhom jintbagħtu permezz ta'imejl fuq l-indirizz elettroniku skemi.dlg@gov.mt . Applikazzjonijiet li jintbagħtu fuq indirizz elettroniku differenti ma jiġux ikkunsidrati;

Il-Kunsilli Lokali li jixtiequ japplikaw biex fil-lokalita tagħhom jiġi assenjat "**Community Animal Welfare Steward**" għandhom jissotomettu l-applikazzjoni tagħhom permezz tal-Kunsill Reġjonali rispettiv sa mhux iktar tard min nhar **il-Ġimgħa, 25 ta' Ġunju 2021**

**Applikazzjonijiet li jaslu tard u mhux kompluti skont kif indikat f'din iċ-Ċirkulari mhux se jiġu aċċettati;**

Kull Kunsill Lokali li japplika u l-Kunsill Reġjonali rispettiv, jiġu notifikati bid-deċiżjoni tal-Bord ta' Evalwazzjoni permezz ta'imejl uffiċjali mid-Direttorat għall-Gvern Lokali Strategija u Implimentazzjoni ta' *Policy.*